MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**HAYMAN MIRIAM LL.D.**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2002

Numru 171/2001

**Il-Pulizija**
**(Sp. David Saliba)**

**vs**

**Omar Caruana ta' 24 sena, iben Francis u Anna nee Rapa, mwieled Tas-Sliema, fl-10. 12.1976, u joqghod Flat 7, Mediterranean Flats, Triq it-Tamar, Qawra, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 30477 (M).**

**Illum 11 ta' Dicembru, 2002.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Omar Caruana li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar it-3 ta' Marzu, 2001 gewwa l-Qawra wara nofs in-nhar xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa u cioe accessorji tal-bahar u oggetti ohra li huma stmati li jeccedu l-valur ta'
Lm 1,000 liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'qerq sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi rat ir-rinviju ta' l-Avukat Generali datat 8 ta' Awissu, 2001 f'liema gew suggeriti s-segwenti artikoli taht liema hu mahsub li tista' tinstab htija u cioe:

Art 334, 279(2), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat li fis-26 ta' Ottubru, 2001 l-imputat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji u li fi stadju precedenti ghall-istess artikoli hu rregistra ammissjoni fuq l-akkuza ta' ricettazzjoni, cioe r-reat ikkontemplat taht l-artikolu 334 tal-Kap 9. Tilliberah mill-kumplament ta' l-akkuzi in kwantu m'ghandhomx x'jaqsmu mal-kaz in dizamina. Rat ukoll il-provi prodotti, b'mod saljenti dak li stqarr l-akkuzat a fol 19 ta' l-istqarrija minnu rilaxxata u tikkundannah, in kwantu ghal ammissjoni bikrija ghal multa ta' Lm 500.

Rat l-art 14 tal-kap 9, tawtorizzah ihallas b'rati mensili ta' Lm 50.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.